# KUNSILL LOKALI NADUR
# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## DISA' (9) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Erbgħa u Erbgħin (44)

## Il-Gimgħa, 11 ta' Marzu, 2022

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fl-10:30am.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier (kien prezenti online) |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**Skuzati:**

| | |
|---|---|
| Megan Portelli | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**MINUTI**

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Il-laqgħa bdiet b'talba.

## 44.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.

l-Ambaxxatur taż-Żgħazagħ Megan Portelli kienet skuzata.

## 44.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti.

Il-Minuti tat-Tnejn u Erbgħin (42) il-laqgħa tat-8 ta' Frar 2022 u l-Minuti tat-Tlieta u Erbgħin (43) b'urgenza tal- 24 ta' Frar 2022 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċjali. Dawn kienu ntbagħtu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Filwaqt li dawn ġew approvati unanimament, l-iskeda tal-pagamenti numru 42 ġiet iffirmata mis-Sindku, Segretarju Eżekuttiv, Proponent Joseph Vella u Sekondant Eucharist Camilleri.

## 44.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;

Is-Sindku ta' l-aħħar żviluppi dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u l-kontijiet tal-bank.

Il-Kunsill irċieva li ser ikollu laqgħa minn naħa tad-DLG rigward id-deficit. Il-Kunsill qiegħed bhalissa b'deficit ta' 3%.

Il-Kunsill ħallas il-kontijiet kollha li kien hemm b'lura ta' Richard Cauchi u ma baqax bilanċ.

Is-Segretarja ser tapplika għal fondi ta' aġġustament għas-sena 2022 fuq sement bl-ammont ta' 3,000 euro.

Inxtara laptop għal l-uffiċċju tas-Sindku peress li MITA ma jgħatux għas-sindki u li hemm antik ħafna.

Dħul:- 3,000- Halloween u 1,400 LESA. Fadal dħul 25% skema Milied DLG, 5,000 skema Milied MGOZ u LA WSC tal- Pjazza.

Kien hemm qbil li jitħallas pagament ta' 10,000 euro fuq il-PPP lil Gatt Tarmac.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata, u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hemm qbil unanimu fuq l-iskedi ppreżentati u dawn ġew iffirmati.

## 44.4. Komunikazzjoni mis-Sindku, Mistoqsijiet u Żviluppi mill-Kunsilliera.

### *44.4.1. Is-Sindku ppreżenta dawn l-iżviluppi:*

- Talba biex jinbena ħajt fi Triq it-Tigrija- Dan lest.
- Talba biex titwessa passaġġ għal għelieqi fi Triq ir-Rabat- Dan lest.
- Bozza ġdida fi Triq ir-Ramla- Il-proċess miexi.
- Talba biex jitranga ħajt taħt Wied Binemma- Dan lest.
- Yellow lines kantuniera Triq Telegraph ma Triq tat-Targa- Il-Kunsill applika.
- Bdil ta' bins ta' kenuna u Belvedere Duru- Tad-Duru lesti.
- Yellow lines fi Triq ir-Ramla- Dawn lesti
- Talba biex titranga rampa fi Triq Vjal l-Imnarja- Din lesta.
- Talba għal mera ġdida fi Triq tad-Duru- din lesta.

### *44.4.2. Żviluppi dwar Talbiet minn Eucharist Camilleri*:

- Sistema tal-Pannelli fi Triq l-Inzul Franċizi – Il-Kunsill qed jaħdem fuqha mal-Ing.
- Talba għal zbir tal-Palm fi Triq tad-Duru- Dawn lesti.
- Talba għal disabled parking ħdejn iċ-ċimiterju-Il-Kunsill applika
- Talba għal bozza fi Triq Caraffa- Il-Kunsill applika.
- Pending: Patch fi Triq il-Knisja (Din ser issir ma Triq Ta' Hida).

### *44.4.3.Żviluppi dwar Talbiet minn Jean Paul Portelli:*

- Passaġġ tat-torba tax-Xini – Dan għadu jrid isir.
- Ħitan ta' Xhajma – Għadu ma sar xejn fuq dawn.
- Ħitan tas-sejjieħ fi Triq Grunju- dawn inbdew.

*44.4.4. Żviluppi dwar Talbiet minn Joseph Vella*:

- Talba biex jitranġa globu ħdejn iċ-Ċentru – għadu irid isir.

*44.4.5. Żviluppi dwar Talbiet minn Josef Camilleri*:

- Pannelli fi Sqaq San Gakbu – Dawn ser jitrangaw.
- Caċċis mat-torri ta' Sopu – Dan għadu ma sar xejn fuqu.
- Pending: Sement fi sqaq tad-Duru

44.5. Korrispondenza;

6409 Skema Reġjonali - Librerija fil-lokalita 2021- applikazzjoni aċċettata- 3,500 euro

6410 Skema Reġjonali -parks, Ġonna u Spazzji Pubbliċi-2021- applikazzjoni aċċettata 25,000 euro

6411 Skema Reġjonali -Ambjent 2021- applikazzjoni aċċettata 15,500 euro

6412 Bus stage fi Triq il-Knisja relocation mingħand TM.

6413 Ittra mingħand Enemalta dwar regolarizzjoni ta' Dawl tat-toroq. ***Is-Sindku innota li ser jaraw fuq barra fuq dawn l-iskrivan flimkien ma ħaddiema tal-Kunsill.***

6414 Ittra mingħand Għaqda Armar Triq il-Kappillan dwar għaxar toqob. ***Kien hem qbil fuq dawn.***

6415 Ittra minghand NTYC dwar laqgħa tal-Kunsill data 17 ta' Jannar – kollaborazzjoni- ***Is-Sindku innota li hu iltaqa' ma' Fr. Bonello fejn ġie iċċarat id-diskors u kien hemm qbil bejn kullhadd li jikkollaboraw bl-ammont li ġie deċiz f'laqgħa qabel bl-ammont ta' 500 euro.***

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

6416 Ittra minghand Direttur Generali Ministeru għall wirt Nazzjoni l-arti u gvern Lokali dwar iffirmar ta'  working conditions tas-Segretarju Ezekuttiv u arrears 2020 u 2021

6417 Ittra mingħand Daniel Meilak dwar il-proposta ta' Park Naturali fl-Inhawi ta' Sopu fin-Nadur

6418 Ittra mingħand The institute of Space Sciences and Astronomy dwar proposta ta' Park Naturali fl-Inhawi ta' Sopu fin-Nadur

6419 Submission of report PA 1803 (CM 294/22)- Illegal dumping ta' kenuna site. Is-Segretarja daħlet rapport ma Planning Authority fuq talba tal-Kunsilliera flimkien mas-Sindku fuq ilment li kien hemm fuq Social Media. Dawn infurmaw li l-ilment irid jinbgħat lil ERA.

6420 submission of report ERA -06328-C3G6Q8 Illegal dumping ta’ Kenuna site - Is-Segretarja daħlet rapport fuq talba tal-Kunsilliera flimkien mas-Sindku fuq ilment li kien hemm fuq Social Media peress li Planning Authority infurmat li r-rapport irid isir ma’ ERA.

Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri faħħar il-mod ta’ kif il-Kunsill għamel ir-rapport ma’ Planning Authority u ERA.

*Rimarki oħra:-*

Proposta ta’ Park f’ta’ Sopu- Is-Sindku innota li din l-item ser terġgħa tiġi diskussa peress li l-Kunsill irċieva korrispondenza fuq din u anke l-Kunsillier Jean Paul Portelli xtaq li nergghu niċċaraw il-pożizzjoni.

Is-Sindku għamel rimarka li bhala Kunsill kien hemm qbil unanimu li l-idea hija interessanti imma d-deċiżjoni tal-Kunsill kienet li l-istess Kunsill irid ikun involut fid-diskussjonijiet kollha relatati ma din l-idea ta Din l-Art Helwa, u sahansitra ninvolvu l-istakeholders kollha nkluz ir-residenti. Is-Sindku spjega li sa fejn jaf hu l-ebda Kunsill ma ta l-ebda approvazzjoni għax dan ma hux proġett li ser isir izda idea/proposta li se tiġi diskussa bhal kull idea oħra li tiġi minn bnadi oħra. Kulhadd għandu r-riservi tiegħu u għalhekk ser jiġu diskussi u naraw li nkunu involuti. Is-Sindku qal li ma hux ġust li għax xi ħadd ma jaqbilx allura kull idea tintrema, għax inkella ħadd ma jista joħroġ b’ideat ġodda. Aħna dmirna li nisimgħu, nikkonsultaw, ninfurmaw ruħna, u wara nieħdu deċiżjoni.

Il-Kunsillier Jean Paul Portelli qal li jibza li jista’ jiġi affetwat l-flora u l-fauna. Hu kompla jgħid bi sparar tal-kaċċaturi u nassaba jkun ta’ periklu u għalhekk jaqbel li għandha biss tintuza l-area tal-

barriera biss għal dan il-proġett. Hu kkonferma dak li qal is-Sindku li l-Kunsill qatt ma ta' *Go ahead* fuq dan il-proġett.

Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri qal li bħalissa l-Kunsill qed jisma biss il-proposta u li anke hu jikkonferma li l-Kunsill ma approva l-ebda proġett.

Il-Kunsillier, Joseph Vella qal li bhala kunsill ingħata biss *go ahead* għal diskussjoni ma stakeholders.

Bus stage fi Triq il-Knisja relocation mingħand TM-

Il-Kunsillier Joseph Vella għamel dawn il-punti:-

- Li hemm 5 familji milquta' peress li l-bus stage qeda quddiem residenza tagħhom.
- Li jekk huma jkunu parkjati xorta il-bus qed tkun il-barra ta' periklu.
- Li meta tpoġġiet minn TM tpoġġiet mingħajr konsultazzjoni tar-residenti.
- Li issa r-residenti qed ibatu biċ-ċitazzjonijiet meta jsir parking quddiem ir-residenza tagħhom.

Joseph Vella kompla jgħid li jekk ser inpoġġu f'post ieħor ser ikun hemm bzonn ta' permess mingħand residenti oħra jew ikun hemm periklu u allura biex ma indejqu lil hadd għandha tiġi eliminata kompletament.

Is-Sindku qal li hu ma għandhux problema li tiċċaqlaq pero jissuġġerixxi meeting ma' TM flimkien mar-residenti li qed jagħmlu l-ilmet għax hu mhux ha jerfa' din peress li mhux kompitu tal-Kunsill Lokali li jagħmel dan.

Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri qal li l-Kunsill mhux fil-kompitu li ineħħi bus stage izda TM inkella tkun ta' preċident għal oħrajn fil-futur.

Joseph Vella qal li TM għamlu diġa studju u staqsew lil Kunsill jekk il-post il-ġdid propost hux sew. Eucharist Camilleri qal dan għandhom jaraw TM u mhux il-Kunsill jidħol responsabbli.

Il-Kunsillier Jean Paul Portelli qal li kull deċiżjoni dwar bus stage trid tittiehed minn TM.

Il-Kunsillier Josef Camilleri qal li inkunu ħloqna preċident fuq bus stages oħra.

Is-Sindku innota li TM għandha tkun informata li l-Kunsill reġgħa iddiskuta u kien hemm qbil unanimament li m'hemmx suġġerimenti fuq relocation ta' l-istage għal raguni ta' preċident fuq l-

awtorita' u li mhux konvinti bhala kunsilliera ta' fejn tista tiġi li ma tkunx ta' periklu. Allura inħossu li filwaqt li l-Kunsilliera m'għandhomx problema li tiċċaqlaq, TM hija l-awtorita' responsabbli li taċċetta u tiċċaqlaq din l-istage.

Approvazzjoni mid-Direttur Ġeneral fuq l-Arretrati tas-snin 2020 u 2021 tas-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-*performance bonus* u l-iffirmar tal-*Working Conditions* tas-Segretarji Eżekuttivi. Kien hemm qbil mill-Kunsilliera ukoll fuq dawn u anke fuq allowances tal-futur kif ġie iffirmat fuq il-kuntratt tal-working conditions.

44.6. Skemi u Offerti Pubbliċi;

M4.3- Rural Roads- Il-Kunsill applika.

**Skema Għall-żvillup u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex maħruġa minn naħa tad-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy-** Il-Kunsill reġgħa ħareġ l-offerta.

**Skema Reġjonali –Ambjent 2021-** Il-Kunsill qed jaħdem fuq l-offerta għal-latrina u ġejna approvati l-ammont ta' 15,000 euro.

**Skema Reġjonali –Kultura Għawdex 2021-** Il-Kunsill għadu qed jistenna minn naħa tal-għaqda tal-presepji. L-għaqda tan-nar tawna stima għal l-applikazzjoni.

**Skema Reġjonali Librerji fil-Lokalita 2021**- Il-Kunsill xtara projector u qed jinħadmu l-ixkaffar. Il-Kunill ġie approvat l-ammont ta' 3,500 euro

**Skema Għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021 maħruġa minn naħa tad-Direttorat għall-Gvern –** Il-Kunsill applika għal kunċert tal-Milied 2022.

**Skema LESA-** Il-Kunsill applika ma' Planning Authority u l-Kunsill gab l-clearance minn naħa tal-Lands u ser napplikaw meta toħrog it-tielet sejħa.

Skema Reġjun – Parks u Ġonna u Spazji Pubbliċi- Il-Kunsill ġie approvat l-ammont ta’ 25,000 euro.

Skema Playing Fields 2022- Il-Kunsill ser japplika għal playing field ta’ San Blas.

## 44.7. Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Socjali

**44.7.1. Innu tan-Nadur**- Is-Sindku ta update.

44.7.2. Nadur Nadif- Ser isir clean up f’ April

44.7.3. Kotba għal tfal bi bzonnijiet speċjali- Il-Kunsill xtara l-kotba għal librerija.

44.7.4. Sopu Re-enactment- Ser jara fuqha il-Viċi Sindku.

44.7.5. Charter- Iz-zgħazagħ sejrin f’Cashel u l-annual meeting ser ikun fi Spanja.

44.7.6. Show tal-Karozzi- 24 ta’ April.

44.7.9. Karnival – Kien hemm qbil li jsir Karnival spontanju ta’ tlett ijiem f’Mejju u nitolbu għal fondi lil MGOZ.

44.7.10. Ħargiet għal l-anzjani- Kien hemm qbil li jerġgħu jibdew il-ħarġiet ta’ l-anzjan kull xahar.

## 44.8. Proġetti u Xogħolijiet Oħra.

**44.8.1. Triq ir-Ramla l-Qadima-** Ix-Xogħol miexi bil-mod izda għaddej. Kien hemm ilmenti ta’ ħsarat u l-Avukata tal-Kunsill ser tibgħat lil Kuntrattur.

Ma ġewx diskussi affarijiet oħra peress li ma kienx hemm zviluppi oħra.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

## 44.9.Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.

### 44.9.1.Rikjesti mis-Sindku:

Talba għal yellow lines fi Triq ta' Zrajk ma garage. Kien hemm qbil.

Talba biex jinbnew ħitan f'passaġġ fi Triq Grunju. Kien hemm qbil.

Talba għal rampa f'passaġġ fi Triq ta' l-iskola. Kien hem qbil.

Talba għal patching f'Wied ir-Rihan l-isfel. Kien hemm qbil.

Talba għal madum bankina fi Triq tad-Duru. Kien hemm qbil.

Talba biex jitranga sement fi Triq Sant Indrija. Kien hemm qbil.

### 44.9.2 Rikjesti mill-Viċi Sindku:

Talba għal bozza fi Triq ir-Ramla. Il-Kunsill jaf fuqha u ser isir.

Talba għal 1.5 metres ma garage fi Triq Ħida. Kien hemm qbil.

Talba għal zbir ta' sigar ħdejn is-sorijiet- kien hemm qbil.

Talba għal disabled parking ħdejn l-art tal-Kunsill. Kien hemm qbil.

Talba għal zbir tas-sigar ħdejn l-area tal-playing field l-antik Xandriku. Kien hemm qbil.

Talba għal electric cars charger fi Triq il-Madonna ta' Lourdes. Il-Kunsill ha jara hemmx xi ħaga fuq dawn.

### 44.9.3 Rikjesti mingħand Joseph Vella:

Talba mingħand l-Għaqda Armar Triq San Gwann għat-tined. Kien hemm qbil.

Ringrazzjament mingħand residenti għal belvedere tad-Duru. Il-Kunsillier Joseph Vella staqsa jekk il quddiem hux ser isir ukoll il-Belvedere l-ieħor tad-Duru. Dan ser isir aktar il quddiem.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Talba għal yellow lines fi Triq il-Plier 1.5 mal-garage.

Talba għal patching fi Triq il-Buskett. Kien hemm qbil.

Tindif fi Triq San Blas mit-Terrapien mil-parking tal-bajja għat-triq li tgħati għar-raba.

### 44.9.4. Rikjesti mingħand Jean Paul Portelli:

Reminder rigward il-ħitan fi Triq ir-Ramla.

Siġra ta' periklu fi Triq Grunju. Il-Kunsill ser jara fuqha.

Siġar minn FKNK- Ser jitkellmu l-Kunsill magħhom.

Is-Sindku innota li fit-8 u 9 ta' Lulju ser ikun hemm il-Model show u Song festival.

L-offerti ingħalqu ta' Sement u machinery u qedin għal board tal-evalwazzjoni t-tnejn.

### 44.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa spiċċat f'12:30p.m. Il-Kunsill ser jerġgħa jiddiskuti data u ħin tal-laqgħa li jmiss.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva